DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/242

tal-21 ta' Frar 2022

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, is-Sur Mohammed Makhlouf inżdied mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/488/PESK ([2]).

(2) Skont id-Deċiżjoni 2013/255/PESK, is-Sur Mohammed Makhlouf inżamm fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Fit-12 ta' Settembru 2020, is-Sur Mohammed Makhlouf miet. Peress li l-werrieta tiegħu huma kollha membri tal-familja Makhlouf, hemm riskju inerenti li l-assi li ntirtu jintużaw biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tar-reġim Sirjan u jidħlu direttament fil-pussess tar-reġim, potenzjalment jikkontribwixxu għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.

(4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies dan t'hawn fuq, jenħtieġ li jinżdiedu ħames membri addizzjonali tal-familja Makhlouf mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/488/PESK tal-1 ta' Awwissu 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 74).

ANNESS

L-entrati li ġejjin jinżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni) tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"318.	Hala Tarif ALMAGHOUT هلا طريف الماغوط	Sess: Mara Data tat-twelid: 30.6.1980 jew 30.7.1980	Armla ta' Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
319.	Ghada Adib MHANNA غاده أديب مهنا	Sess: Mara Data tat-twelid: 22.5.1948	Armla ta' Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
320.	Shalaa Mohammed MAKHLOUF شهلاء محمد مخلوف	Sess: Mara Data tat-twelid: 22.3.1967	Bint Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
321.	Kinda Mohammed MAKHLOUF كندا محمد مخلوف	Sess: Mara Data tat-twelid: 25.9.1977	Bint Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
322.	Sara Mohammed MAKHLOUF ساره محمد مخلوف	Sess: Mara Data tat-twelid: 27.8.1984	Bint Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022"